***Worksheet* Ċ6.2.5**
Nidentifikaw u niddiskutu eżempju wieħed ta' dritt uman bażiku u kif dan jaffettwa l-ħajja tal-istudent.

**A: Aqra din l-istorja, imbagħad wieġeb.**

*Jisimni Mahmoud. Għandi 15-il sena. Jiena Sirjan imma kelli naħrab minn pajjiżi flimkien mal-familja kollha tiegħi minħabba l-gwerra ċivili tas-Sirja. Kieku ma ħrabniex, illum mejtin; bħalma mietu bosta ġirien tiegħi li min jaf kemm lgħabna flimkien.*



*Aħna qed ngħixu ma' familja li tatna kenn fil-Libanu. Jien u ħuti ma nistgħux immorru l-iskola għax m'hawnx skejjel għalina r-refuġjati. Nippruvaw insibu xi biċċa xogħol. Jiena nnaddaf il-ħut f'kantina, bil-moħbi, għar-ristorant tar-raġel li qed jilqagħna f'daru. Anke ħuti iżgħar minni jaħdmu; inkella mmutu bil-ġuħ.*

**Wieġeb billi tagħmel sinjal taħt it-tajba jew timla l-vojt.**

1. Mahmoud qiegħed jiġi mċaħħad minn bosta drittijiet fundamentali.Dritt li qed jiġi mċaħħad minnu hu:
   (a) li jaqla' ħafna flus.
   (b) li jirċievi edukazzjoni xierqa.
   (c) li jixtri mutur meta jagħlaq 14-il sena.

2. Dritt ieħor fundamentali li Mahmoud qed jiġi mċaħħad minnu hu:
   (a) li jsiefer kull sena.
   (b) li jkollu sikkina aħjar biex inaddaf il-ħut.
   (c) li hu u l-familja tiegħu jgħixu fil-paċi fir-raħal fejn twieldu.

3. Minn liema pajjiż hu Mahmoud proprjament?

   ______________________________________________

4. Għaliex kellu jaħrab minn hemm?

   ______________________________________________

5. Xi ġralhom il-ġirien ta' Mahmoud li baqgħu fir-raħal tagħhom?

   ______________________________________________

6. F'liema pajjiż sabu kenn bħala refuġjati Mahmoud u l-familja tiegħu?

   ______________________________________________

7. Għaliex Mahmoud u ħutu ma jistgħux imorru skola?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

8. Għid kif aħna l-Maltin nistgħu nuru solidarjetà ma' persuni bħal Mahmoud.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

9. Refuġjati huma:
   (a) nies li jkollhom jitilqu minn pajjiżhom għax jekk jibqgħu hemm ikunu f'perikli kbar.
   (b) emigranti li jmorru jfittxu x-xogħol 'l bogħod minn pajjiżhom.
   (c) turisti li jivjaġġaw biex ifittxu l-avventura.